**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 117/00JR**

**Joseph Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta De Drop Bathroom Centre**

**vs**

**Joseph Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Frar, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija (Lm214.00), ghall-merkanzija li l-konvenut ordna minghand l-attur u li giet mibjugha u konsenjata lill-konvenut li accettaha, tant li beda jhallas akkont u waqaf;**

**L-ammont mitlub huwa bilanc minn somma akbar;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Novembru, 1999 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' April, 2000, fejn intqal li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija kkonsenjata lill-esponenti kienet difettuza u mhux tal-kwalita` pattwita;**
**Bl-ispejjez kontra l-attur ngunt ghas-subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Ciantar, Managing Director tas-socjeta` attrici, u ta' Joseph Abela. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kawza hi ghall-hlas ta' merkanzija. Il-konevnut qed jghid li l-merkanzija kienet difettuza.**
2. **Il-konvenut, li hu "tile layer", kien xtara minghand is-socjeta` attrici kwantita` ta' madum, geyser u "shower cubicle".**
3. **Jirrizulta li dawn gew konsenjati lill-konvenut.**
4. **Il-konvenut jghid li l-madum li tawh ma kienx ta' kulur wiehed. Fir-rigward, Anthony Ciantar, Managing Director tas-socjeta` attrici, qal li l-konvenut ried madum tat-terza, cioe` bid-difetti, kemm fil-kulur, qies u "glazing". Il-konvenut jichad dan. Pero` jidher li kien accettah, tant li kien hallas parti mill-kont.**

**5. Il-konvenut ilmenta dwar il-geyser u l-ispray tas-shower, pero` dwar dawn ma ngiebet ebda prova li kienu tassew difettuzi.**

**6. Jirrizulta minflok li s-socjeta` attrici kitbet spiss lill-konvenut ghall-hlas u dana qatt ma lmenta fuq difetti, pero talab zmien ghall-hlas.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija (Lm214.00), bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Novembru, 1999, sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Novembru, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**